KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM
GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

14 ta' Gunju, 2010

LILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL LOKALI T'GHAJNSIELEM

It-tmienja w ghoxrin laqgha ta' dan il-Kunsill ser tinzamm nhar il-Hamis, 17 ta' Gunju, 2010 fl-Ufficcju tal-Kunsill, fis-*2.00 ta' wara nofs in-nhar.* Kulhadd huwa mitlub li jattendi u jkun fil-hin.

## AGENDA

1. Talba
2. Minuti
3. Korrispondenza
4. Isem ghal Triq Lord Nelson
5. Ghajnsielem Fest
6. Tender - Rapport fuq Lokalitajiet Sostenibbli
7. Pjazza Madonna ta' Loreto u Kemuna
8. Questionnaire lil-kull familja li jitratta l-bzonnijiet essenzjali fir-Rahal ghall-informazzjoni tal-Kunsill
9. Materji ohra

Grazzi u tislijiet,

A. Cauchi

Amanda Cauchi
Seg. Ezekuttiv

Minuti tat-tmienja u ghoxrin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, li nzammet nhar it-Hamis, 17 ta' Gunju, 2010, fil-2.00 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Amanda Cauchi | Segretarju Ezekuttiv |

Noti:

- Din il-laqgha saret fitz-17 ta' Gunju, u mhux fid-data aggornata mill-laqgha precedenti peress li s-segretarju ezekuttiv attendiet seminar f'Brussels f'dak il-perjodu.

1. Talba – Wara li s-sindku qal it-talba, ta' bidu ghal-laqgha.

2. Korrezzjoni tal-minuti:

   Korrezzjoni tal-minuti Paragrafu 7: Is-Sur Joe Camilleri zied li fl-ittra lis-Sur Silvio Rapa, ghandna niktbu li titranga u titnaddaf ir-rampa tal-belvedere mill-aktar fis possibli.

   Paragrafu 13.2: Is-Sur Peter Caruana zied li rega` staqsa min hu l-propjetarju tat-tarag ta' Lourdes. Is-Sindku qal li huwa ccekkja mad-Dipartiment tal-Land Registry f'Ghawdex u rrizulta li dan it-tarag ma kienx irregistrat mal-Knisja Huwa kompla jghid biex nibghatu ittra lid-Dipartiment tal-Lands Department (GPD) il-Berga ta' Baviera, il-Belt Valletta biex qabel jinbeda xi xoghol fuqu, niccekjaw jekk dan it-tarag hux tal-Gvern Centrali. Gie deciz li nibghatu zewg haddiema tal-kunsill biex inadfu u jaghqtu l-haxix fiz-zewg turgien.

3. Approvazzjoni tal-minuti:

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn gew approvati kif prezentati u ghalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

4. Korrispondenza

4.1. ***Librerija***: Is-Sindku spjega kif fil-laqgha precidenti kien qal li ntbaghtet ittra lid-Direttur ta' l-Edukazzjoni fejn gie informat bit-tibdil li jixtieq jaghmel il-Kunsill fil-Librerija t'Ghajnsielem. Il-Kavallier Frank Gatt zar il-post, fejn is-sindku, is-segretarju ezekuttiv u l-kap ta' l-iskola kienu prezenti. Is-sindku fhemhu x'kienet ir-raguni ta' dan it-tibdil u s-sur Gatt kellu jiddiskuti din il-proposta mad-Direttur ta' l-Edukazzjoni. Ftit jiem wara, l-Kunsill ircieva ittra b'risposta negattiva li ntbaghtet mis-sur Gatt. Is-Sindku qal li ga tkellem ma l-Onor. Chris Said ghal-parir biex terggha tigi riveduta d-decizjoni, peress li l-Librerija hija devoluta lill-Kunsill.

4.2. ***Arka Magazine***: Is-Sindku wera l-ktejjeb li harget l-Arka Foundation fejn inkiteb artiklu fuq hafna postijiet sbieh f'ir-rahal t'Ghajnsielem. Dan il-ktieb, li hareg f'isem il-*Helping Hands* tqassam f'kull dar. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir ringrazzjament permess ta' ittra.

4.3. ***Transport Malta***:

- Tibdil fil-linji bojod fit-Triq l-Mgarr – irrifjutata
- Pelican lights fit-Triq Mgarr, kantuniera ma' Triq Ghajnsielem u Triq Cordina – irrifjutata
- Road hump Triq il-Qighan – approvata
- Road hump Triq Filfla - approvata

4.4. ***Notte Gozitana:*** Il-Kunsill ircieva ittra mid-Dipartiment tal-Kultura ghal-Ghawdex fejn irringrazzja lil-kunsill ghal-partecipazzjoni fin-notte Gozitana u talab ghal-suggerimenti. Is-Sur Stephen Mercieca ssugerixxa li darb'ohra ma ssirx fiz-zmien l-ezamijiet.

4.5. ***Reserved parking***:

- Transport Malta approvat reserved parking ta' Victoria Fenech, fit-Triq il-Gnien.
- Transport Malta ma apporvatx reserved parking ta' Carmel Grech, fit-Triq Fawwara.

4.6. ***Stedini:***

- Banda Mnarja – 23 ta' Gunju fid-9.00 pm ghal ftuh ta' Wirja 'Agrarja"
- Muzew tal-Bazilika San Gorg – 18 ta' Gunju fit-8.00 pm ghal ftuh uficcjali tal-Muzew.

4.7. ***Mepa:*** Ittra mil-Planning Control dwar tibdil tal-linja fit-Triq ix-Xatt l-Ahmar. Is-sindku spjega l-kaz fejn l-applikant applika biex tigi mresqa l-linja tal-bini tat-triq. Il-kunsill qabel mal proposta u ma jsib l-ebda oggezzjoni kemm il-darba ma jkunx hemm oggezzjoni mir-residenti tat-triq.

4.8. ***Reklam fuq il-Gozo Channel:*** Is Sindku spjega fil-qasir l-*email* li rcieva l-kunsill minn ghand Frank Salt, fejn dawn b'kollaborazzjoni mal-Gozo Channel ser johorgu rivista li ser titqassam fuq il-vapur b'xejn ghal-pubbliku. F'din ir-rivista offrew lil-Kunsilli biex jiktbu artiklu fuq xi affarijiet t'interess fir-rahal taghhom. Huma offrew lil-Kunsill t'Ghajnsielem li jkollu l-prijorita t'artiklu f'din l-ewwl rivista.

4.9. ***EU Eco-Management and Audit Scheme (EMAS):*** Is-Sindki u l-Vici Sindki t'Ghawdex kienu mistedin ghal-din il-laqgha fejn is-Sindku attenda.

4.10. ***Korsijiet taz-Zfin***: Il-Kunsill ircieva ittra fejn tghid li l-Gozo Sports Complex b'kollaborazzjoni ma Moveo Dance Company ser jorganizzaw xi korsijiet ghaz-zfin minn Lulju sa Settembru.

4.11. ***Mepa:*** Is-Sindku ta' rendikont ta' l-*enforcements* u l-applikazzjonijiet godda min nahha tal-MEPA dan l-ahhar.

5. Belvedere

Is-Sur Joseph Camilleri informa lil prezenti li huwa mar ma xi residenti u l-Perit Carmel Coccopardo, li gie imqabbad minn dawn ir-residenti, fuq il-belvedere biex ikejjel il-belvedere, specjalment fejn hemm il-hajt tad-divizjoni bejn il-belvedere u l-Grand Hotel. Is-Sur Joseph Camilleri spjega li huwa mar fuq il-post fuq interess personali. Is-Sindku qal lis-sur Camilleri li kien ikun aktar xieraq kieku nforma lill-kunsill b'li kien ser jaghmel. Is-Sindku talab lis-sur Camilleri ir-rizultat tar-rapport tal-Perit u kienx possibli li jaqrah fil-kunsill peress il-kunsill kien diga rcieva risposta

mil-perit tal-Lands, Stephan Scotto li l-hajt tal-Belvedere kien qed jinbena kif suppost. Is-sur Camilleri informa lil-prezenti li r-resident li qabbad lil perit ser jircevi r-rapport u ghalhekk huwa ma kellux ir-rapport f'idejh. Is-Sur Camilleri qal ukoll li r-rampa ghandha tinfetah ghal-pubbliku u jsir tindif tal-belvedere minnufih. Is-Sindku irrispondih li l-kunsill kien diga ghamel rapport lill-MEPA biex tinfetah ir-rampa u jsir it-tindif mehtieg. Fil-fatt, il-kunsill huwa nformat li l-MEPA hadet il-passi mehtiega u ftit wara sar it-tindif fuq il-Belvedere u anke tnehhew il-planki. Il-kunsill huwa nformat li ghalissa ma tistghax jinfetah fuq ordni tad-dipartiment tas-Safety, fejn dawn sahhu li r-retaining wall ma jistghax jitnehha qabel jinbena l-hajt tad-divizjoni kollu. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill kien ser ikellem lil tas-Safety biex jindaga jekk dan hux minnu.

6. Triq Lord Nelson

Is-Sindku ta rendikont tal-laqgha li kellu mal-Kumitat ghall-Ismijiet tat-Toroq ghal-Ghawdex. F'din il-laqgha sar suggeriment li t-Triq Dahla ta' Cordina tissemma Triq Lord Nelson. Lord Nelson kien gie f'Ghawdex fil-port ta' l-Mgarr fejn kien ta' l-ghajnuna kollha mehtiega mitluba mil-kap ta' Ghawdex ta' dak iz-zmien, Mons Saverio Cassar biex ninhelsu mil-hakma tal-Francizi. Il-prezenti qablu b' dan is-suggeriment.

7. Triq Cordina

Sar suggeriment biex Triq Cordina, minn hdejn ir-razzett tal-baqar il-fuq ma tibqax Triq Cordina izda ssir Triq ic-Cimiterju. Tlitt familji jinhakmu b'dan it-tibdil li huma, is-sur Teddy Xuereb bid-dar l'iggib l-isem 'Ix-Xaghri', is sur Raymond Grech bl-isem tad-dar 'Il-Hodba' u s-sur Joseph Attard bl-isem tad-dar 'Ir-Razzett ta' Marozz'. Is-Sindku qabbad lis-segretarju ezekuttiv biex l-ewwel tinkiteb ittra lill dawn ir-residenti jekk jaqblux b'dan is-suggeriment ta' tibdil ta' isem tat-triq.

8. Ghajnsielem Fest

Is-Sur Joseph Camilleri issugerixxa li naghmlu serata ohra apposta ghat-tfal, biex b'hekk inkunu nistghu naghtuhom aktar cans biex juru t-talenti taghhom. Is-Sur Stepehen Mercieca zvela li din is-sena Ghajnsielem Fest ser ikun fid-19 t' Awwissu, u

l-kantanta ewlenija ser tkun Thea Garret fejn ser tkanta 3 kanzunetti ghal-prezz ta' €200. Il-prezentaturi ser ikunu d-Dulli u Veronica bil-prezz ta' €200. Bhas-soltu, Lelio Spiteri u Loretta Buttigieg ser jghinu fis-serata. Is-Sur Mercieca fakkar lis-segretarju biex jazva fuq il-bullettin meta ser isir Ghajnsielem Fest u biex min hu nteressat japplika l-kunsill. Is-Sindku wera z-zewg posters li uza l-Kunsill fin-Notte Gozitana, fejn dawn jistghu jintuzaw bhala *background* f'din is-serata. Is-Sur Larry Buttigieg qal li l-kumitat tan-nar jixtieq jorganizza ikla waqt Ghajnsielem Fest. Il-Kunsill approva li din issir basta mal-gemb tal-pjazza u ma ttellifx is-serata. Il-kumitat tan-nar ghandu wkoll igib il-permess ta' l-Arcipriet jekk din l-attivita tkun ser issir fuq il-pjazza.

9. Lokalitajiet sostenibbli

Is-Sindku spjega li ghandha tinhareg tender biex isir rapport fuq Ghajnsielem bhala lokalita' sostenibbli. Is-Sindku qal li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali flimkien mas - Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said kien approva li l-Kunsill t'Ghajnsielem jigi moghti s-somma ta' 20,000 euro biex ikun jista johrog tender, biex isir studju u rapport fuq ir-rahal. Dan sabiex wara l-Kunsill ikun jista japplika ghal fondi mill-Ewropa biex ikun jista jitwettaq dan ir-rapoort ghal gid tal-komunita`. Is-Sur Peter Caruana qal li ghandna naghmlu enfasi kbira fuq l-edukazzjomi, specjalment fil-qari u niprovaw inhajru aktar studenti jkomplu fl-istudju taghhom. Saru suggerimenti wkoll biex isir studju fuq zvilupp turistiku u tempji neolitici kif ukoll li jinholoq ix-xoghol.

10. Kemmuna

Is-sindku, is-segretarju ezekuttiv u s-Sur Silvio Buttigieg gew mistednin ghal-laqgha mal-Ministru ghal-Ghawdex biex issir diskussjoni fuq Kemuna. Il-Ministru stqarret li kull inizjattiva li ssir min xi ghaqdiet u NGOs ghandhom jitolbu l-approvazzjoni kemm tal-Kunsill Lokali Ghajnsielem u kemm tal-Ministeru ghal-Ghawdex. Il-Ministru qabdet lis-Sur Anthony Zammit biex jiedu hsieb li jsiru laqghat mal-Kunsill u mas-Sur Buttigieg biex jitfassal pjan biex issir gurnata t'attivitajiet u fiera f'Kemuna kif ukoll il-purcissjoni. Is-Sur Camilleri wera x-xewqa tieghu li jattendi ghal-din il-laqgha. Is-sur Camilleri ssugerixxa li jsiru l-ismijiet tat-toroq biex juru direzzjoni f'Kemuna. Sar qbil li l-ahjar gurnata biex issir din l-attivita' hija fit-8

t'Awwissu. Ghandha tippartecipa wkoll il-banda t'Ghajnsielem kif kien isir fl-antik. Ghandu jkun hemm ukoll speci ta' *shuttle service* bil-lanec il-gurnata kollha.

11. Pjazza Madonna ta' Loreto

Is-Sur Larry Buttigieg ma jaqbilx li jkun hemm laqghat mal-Ministru jew Arcipriet u ma jkunx prezenti l-Kunsill kollu. Is-Sindku qal li hu kien mar jirraprezenta lill-Kunsill fuq talba tal-Ministru u ma kien ha l-ebda decizjoni. Hu qabel li ghandha issir laghqa mal-Ministru bil-Kunsill kollu. Wara hu qara` l-kuntratt *draft* li baghtet il-Ministru, jekk dejjem jintlahaq ftehim. Il-Ministru qalet ukoll li apparti dan id-draft, l-Arcipriet kien baqaghlu xi proposti ohra x' jipproponi u hi kienet ghadha ma tafx x'inhuma. Il-Kunsill ma approvax dan il-kuntratt u kien tal-femha li l-ewwel jintbaghtu l-proposti kollha minn naha tal-Arcipriet u l-Ministeru, imbaghad jiehu decizjoni wara. Is-Sindku kompla jghid li ser jghaddi dan il-kuntratt lil-avukata tad-Dipartiment biex tezamina dan il-kuntratt. Is-Sur Larry Buttigieg issugerrixxa li ssir laqgha ghal-pubbliku qabel ma jigi iffirmat dan il-kuntratt.

12. Questionnaire

Is-Sindku wera x-xewqa li jitqassam questionnaire f'kull residenza f'Ghajnsielem li jirrigawdja kull qasam tas-socjeta`. Dan il-questionaire ghandu jkun formulat semplici hafna. Uhud mil-materji li ghandu jkun hemm huma : l-Edukazzjoni, Ambjent, Kontol tat-traffiku, Turizmu, Holqien ta' xoghol, Infasstruttura, Sport, Postijiet Neolitici u Storici u affarijiet ohra. Dan il-questionnaire ser ikun ta' ghajnuna kbira ghal-Kunsill biex jigbor l-aktar informazzjoni possibli mixtieqa mic-cittadini t'Ghajnsielem. B'hekk ikun jista jitfassal pjan ghal futur fuq dawk il proposti li jkun ingabru ghal gid tar-rahal kollu. Is-Sindku ta cans ta' xahrejn lil kull kunsillier biex jaghti l-proposti tieghu fuq il-questionaire.

13. Laqgha f'MTA

Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv attendew laqgha mas-Sur Julian Zarb mill-MTA, f'diskuzzjoni kif isir aktar turizmu generat. L-MTA ser tfassal rapport fuq il-potenzjal ta' kull rahal fil-qasam tat-turizmu. B'hekk ikunu jistghu izidu aktar siti ghat-turizmu f'kull lokalita' li din tista isseh bl-ghajnuna tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku

semma t-tempji fil-limiti ta' Borg Gharib, tal-Qighan u L-Imrejzbiet, il-bajja tax-Xatt l-Ahmar u d-diving centre, Fort Chambray, lukandi, sports, Kappella u Torri ta' Santa Cicilia, Cart-Ruts, it-Torri ta' Mgarr ix-Xini, post ta' villeggjatura fil-Port ta' l-Mgarr mibni mil-Gran Mastru Manuel De Vilhena, muzew marittimu, fost hafna ohrajn. Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu ufficjalment jircievi dan ir-rapport li jkun sar mill-M.T.A. Is-sur Peter Caruana issuggerixxa wkoll li jinbena moll biex jitrakkaw il-*cruise liners* fuq in-nahha ta' wara tal-moll ezistenti.

14. ERDF

Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv attendew laqgha li organizzat il-PPCD fuq din is-sejha ta' energija alternattiva. Attenda ghal din il-laqgha wkoll is-Sur Gino Cauchi li wera l-interess biex juzaw dawn is-sistemi fuq il-kazin tal-banda. Wara parir li hadna min ghand l-enginier, il-Kunsill qabel li ma ssirx applikazzjoni taht din is-sejha min nahha tal-Kunsill ghax skond l-Enginier ma kienetx ser tkun vijabbli.

15. Triq Mgarr

Is-Sindku qal li fil passat, il-Kunsill ghamel hafna talbiet lill-Transport Malta, lill-Kumitat Kongunt, lill-Ministeru ghal Ghawdex u ohrajn biex issir *Speed Camera* fit-Triq Mgarr. Hu qal li ta sikwit ikun hemm incident u sahansitra saru wkoll incidenti fatali, izda dawn it-talbiet donnhom waghqu fuq widnejn torox. Hu ghalhekk issuggerixa li l-Kunsill ghandu jikteb dirett lill-Ministru koncernat fuq it-Trasport, l-Onor. Austin Gatt, biex titwahhal immedjatament din il-camera fit-Triq l-Imgarr. Is-Sindku qal li l-Kunsill kiteb ukoll lis-Sur Aldo Cauchi mil-Gozo Wardens biex ihejji rapport ta' l-inicidenti kollha li saru f'din it-triq matul dawn l-ahhar sentejn biex jintbaghat ma' l-ittra lill-Ministru Gatt.

16. Knis tat-toroq

Il-Kunsill qabel li hemm bzonn issir xi haga biex il-kennies ta' filghaxija jaghmel aktar xoghlu ghax kienu dahlu hafna lmenti li t-toroq li jaqghu taht ir-responsabilita' ta' dan il-kennies ma kienux qeghdin jinkinsu. Il-Kunsill informa diversi drabi lis-sur Laurie Zammit mil-K.I.P. fuq din il-problema fejn dan wiegeb li kien qieghed jaghmel

min kollox biex dan il-kennies jaghmel xoghlu sew. Hu qal li kien ser jaghtih l-ahhar cans u jekk jibqghu jidhlu l-ilmenti l-kunsill, kien ser jibdlu.

17. Trade fair

Is-sur Stephen Mercieca avvza li nhar il-Hamis 1 ta' Lulju ser jorganizza gita ghat-trade fair ghar-residenti t'Ghajnsielem. It-tluq ser ikun mal-vapur tal 5.15pm.

18. Mistoqsijiet

- Joseph Camilleri
  - Tinkiteb ittra lis-safety biex tistaqsi fuq ir-rampa tal-belvedere u jinformawna b'rapport tal-vista taghhom fuq il-post.
  - Kuntratt tat-tisqija – l-avviz hareg ghal-pubbliku u ser jaghlaq fid-9 ta' Lulju.
  - Tabella Triq Hamri – issir tabella hdejn it-telephone box li tindika direzzjoni ghal-port ta' l-Mgarr.
  - Tabella Triq il-Merkanti – titwahhal fil-post
  - Isem tat-Triq ghal Patri Cesal – is-Sindku spjega li din it-Triq ghadha m'hix *schemed* mill-Mepa u b'hekk ma nistghux insemmu din it-Triq ghalissa.
- Larry Buttigieg
  - Triq Wied Martin – titwitta u jinqata l-haxix
- Stephen Mercieca
  - Bozza fit-Triq Cordina – issir bozza biex turi ftit dawl f'passagg li hemm f'din it-triq.
  - Double line Triq Malta ma Triq Kemuna
  - Jizdied id-Double line fit-Triq il-Gnien

- Peter Caruana
    - Kanna ma bankina fit-Triq Simerat mad-dar ta' Toni Sammut– approvata
    - Roundabout fit-Triq Gudja ma Triq Kemuna u Triq Filfla – is-Sindku spjega li din kienet giet approvata mill-Transport Malta izda huwa ta' l-opinjoni li l-ewwel ghandu ssir survey tat-triq biex issir bl-ahjar mod possibli.
- Larry Buttigieg
    - Irringrazzja lil-Kunsill li attenda ghal-attivita' tal-premjijiet tat-touramnet ta' l-Snooker. Huwa qal li f'isem il-kumitat ta' l-snooker irringrazzja lil-Kunsill ghar-*refreshments* li offra.
    - Triq il-Fugazz - is-Sindku spjega li kellem lill sid l-ghalqa biex jittella hajt tal-kantun ghas-sahha u dan accetta. Wara ghandu u jsir patching tul din il-parti li hi l-aktar perikoluza u aktar l-isfel.
    - Triq ta' Mgarr ix-Xini – patching tat-toqob biex tkun triq alternattiva ghax-Xatt l-Ahmar.
    - Platform ta' l-injam fix-Xatt l-Ahmar mill-fondi tal-UIF – is-Sindku spjega li din ma tistax issir b'dan il-fondi peress li dawn jistghu jintuzaw biss fic-centru tar-rahal.
    - Jitnaddaf il-banju tax-xatt l-ahmar
    - Progett ta' Passi – is-Sindku spjega li l-Perit Salvu Micallef qieghed jahdem fuq il-progett.

19. Customer care

19.1. Tarag tal-Playing Field Ammabile Cauchi – ser jinkesa b'cement ikkulurit

19.2. *Rubbish bins* Triq Bahhara – refjutata ghaliex art privata

19.3. Railing fit-Triq l-Ixprunara – refjutata

19.4. Loading/unloading quddiem it-Tarag tal-Gleneagles – approvata

19.5. *No parking for heavy vehicles* fit-Triq Mgarr, Triq Mgarr ma Triq il-Moghdija, Triq Borg Gharib ma triq il-Barumbara, Triq Mgarr ma Triq Cordina - approvati

Il-laqgha ntemmet fit-6.00pm. Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill, nhar il-Hamis, 8 ta' Lulju 2010, fil-5.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Cauchi
Segretarju Ezekuttiv